## SECONDARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2003

Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 2 | SOCIAL STUDIES | TIME: 1hr 30mins |
|---|---|---|

Name: _______________________________ Class: _______________

### A. Agħmel sing taħt il-kelma t-tajba.

1. Min jarmi l-iskart barra ikun qed iħammeġ (id-dar, l-iskola, l-ambjent).
2. Dak li joffri l-għajnuna lil ħaddieħor ikun (egoist, miskin, ġeneruż).
3. Tissejjaħ ħajja soċjali għax ngħix (ma' l-oħrajn, waħdi, għal rasi).
4. Jien qed niżviluppa mentalment, jiġifieri fil-(ġisem, moħħ, għadam).
5. L-identita' personali turi min (jien, hu dak, hi dik).
6. Nibni relazzjonijiet ma' l-oħrajn billi (ngħajjat, niekol, naqsam l-esperjenzi) magħhom.
7. L-għajnuna li nagħtu lil xulxin tissejjaħ għajnuna (żejda, reċiproka, vojta).
8. Nilbes l-uniformi għax inħossni (mistħi/ja, kiesaħ/a, kburi/ja) bl-iskola tiegħi.
9. Ir-rwol huwa (l-oġġett, il-prodott, is-sehem) li għandi nagħti jien fil-familja, fl-iskola u mal-ħbieb.
10. Għandi dritt li nitkellem, iżda għandi dmir li (nisma' ngħajjat, nfixkel) lil ħaddieħor.

**(1x10 = 10 marki)**

### B. X'insejħulhom lil dawn?

1. Grupp li fih nitwieled u nitgħallem ir-regoli tas-soċjeta'_____________________________.
2. Nies li jiġu jżuru 'l pajjiżna għall-vaganzi _____________________________________.
3. Poplu li jgħix fl-istess pajjiż _______________________________________________.
4. Grupp ta' ħbieb li nagħmilha magħhom _____________________________________.
5. It-tieni skola li nattendu fejn nitgħallmu suġġetti differenti __________________________.
6. Dawn iħajruna biex nixtru, imma mhux dejjem jaqblilna ___________________________.
7. Grupp ta' nies li jieħdu ħsieb il-belt jew raħal ________________________________.
8. Sistema ta' twemmin u relazzjoni ma' Alla ___________________________________.
9. Tempju tas-sena 5000 qabel Kristu ________________________________________.
10. Il-Festa Nazzjonali li tfakkarna fl-Assedju l-Kbir ______________________________.

**(1x10 = 10 marki)**

### Ċ. Il-Kultura tagħna turi li aħna Maltin. X'taf fuqha?

1. Fejn insibu Tempji Neolitiċi? ______________________ ___________________________
2. Żewġ festi Nazzjonali ______________________ ___________________________
3. Żewġ Ġnus li ħakmu fuqna ______________________ ___________________________

4. Il-Belt Kapitali tagħna fl-antik______________________ illum ______________________

5. Żewġ katidrali ______________________ ______________________

**(2x5 = 10 marki)**

**D. Aqra u wieġeb il-mistoqsijiet.**

Bħala bnedmin inħossu li għandna nikkomunikaw bejnietna. Meta nitwieldu fil-familja ngħaddu minn proċess ta' soċjalizzazzjoni, jiġifieri nibdew nitgħallmu r-regoli tas-soċjeta'. Meta nibdew nikbru ikollna interazzjoni soċjali ma' l-oħrajn, għax nibdew naqsmu magħhom il-ħsibijiet, l-idejat u x-xewqat tagħna. Nibdew nibnu relazzjonijiet ma' dawk ta' madwarna għax inħossu l-bżonn tagħhom, u nibqgħu sejrin hekk għax kulħadd għandu bżonn lil xulxin. Iżda xorta jibqa' l-fatt li kull wieħed u waħda minna għandna l-karattru u l-personalita' individwali tagħna li jagħtuna l-identita'.

1. Liema huwa wieħed mill-aktar bżonnijiet importanti tagħna l-bnedmin?

   ______________________________________________

2. Xi tfisser soċjalizzazzjoni?

   ______________________________________________

3. Semmi tnejn min-nies li nibnu relazzjoni magħhom

   ______________________ ______________________

4. Xjiġifieri jkollna interazzjoni ma' l-oħrajn?

   ______________________________________________

5. Agħmel sing taħt dawn li juru persuna b'karattru sod: (a) kapaċi tgħid "LE" meta jħajjruha għall-ħażin (b) tagħmel li trid (ċ) iżżomm id-dixxiplina (d) moħħha biss fid-divertiment.

6. Agħmel sing taħt dawn li juru persuna b'personalita' b'saħħitha (a) ma taqtax qalbha (b) l-anqas biss tipprova (ċ) tgħajjat biex jitkellem (d) taf tieħu deċiżjoni f'waqtha u bla biża'.

7. Semmi tnejn min-nies li llum ġejt bżonnhom biex jaqduk:

   ______________________ ______________________

8. Semmi tnejn min-nies li inti tħoss li għandek tgħinhom u kif:

   (a) ______________________ Kif? ______________________

   (b) ______________________ Kif? ______________________

9. Xi tfisser li aħna "individwali"?

   ______________________________________________

**(2x10 = 20 marka)**

**E. Ħares lejn dawn l-istampi li kollha jgħallmuna xi ħaġa. Ikteb sentenza biex tispjega.**

1. 

2. 

3. 

4. 

5. 

**(2X5 = 10 marki)**

**F. Kieku int x'kont tagħmel?**

1. Ħabibek dejjem jgħid li ma jimpurtahx minn ħaddieħor. U int?

2. L-għalliem jgħidlek biex tkun altruisti mhux egoisti. Int x'jidhirlek?

3. Ommi tgħidli "għidli ma' min tagħmilha u ngħidlek x'int". X'taħseb?

4. Bil-qari nitgħallem nikteb, naqra, nirraġuna u nimmatura. Għaliex?

5. Billi pajjiżna huwa gżira għandna bżonn kuntatti ma' pajjiżi oħra. Għaliex?

**(2x5 = 10 marki)**

**Ġ. L-iskopijiet ta' l-edukazzjoni huma tlieta: L-ewwel hemm l-iskop SOĊJALI, li jgħallimni ngħix fis-soċjeta'; it-tieni skop huwa MORALI, jew spiritwali, li bih nagħraf nagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin, u t-tielet skop huwa dak TEKNIKU, li permezz tiegħu nitgħallem naħdem.**

**Poġġi fi tliet listi skond l-iskop.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Reliġjon | Drittijiet | Imġiba tajba | Teknoloġija | Makni |
| Responsabbilta' | Liġijiet | Valuri | Elettriku | Ġustizzja |
| Benefiċċji soċjali | Lingwa | Studji Soċjali | Mass Media | Disinn |

| SKOP SOĊJALI | SKOP MORALI | SKOP TEKNIKU |
|---|---|---|
| ____________ | ____________ | ____________ |
| ____________ | ____________ | ____________ |
| ____________ | ____________ | ____________ |
| ____________ | ____________ | ____________ |
| ____________ | ____________ | ____________ |

**(1x15 = 15-il marka)**

**G. Ikteb madwar 15-il linja fuq WIEĦED minn dawn.**

1. Id-dixxiplina meħtieġa fid-dar u fl-iskola. Għaliex?

2. "Min m'għandux jgħix ma min għandu", jgħid il-qawl Malti. Kif iseħħ dan fis-soċjeta'?

3. Aħna lkoll konsumaturi għax ilkoll immorru nixtru. Semmi u spjega tliet drittijiet u tliet dmirijiet li għandna bħala konsumaturi.

4. Il-familja hija tip ta' skola wkoll. Int tifhimha hekk? Għaliex?

5. Ikteb dwar xi proġett jew attivita' li għamilt jew ħadt sehem fiha fl-iskola matul din is-sena u għid x'tgħallimt mill-proġett jew attivita'.

**(15-il marka)**